

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/582

tat-8 ta' April 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (¹).
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ġabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk fuq l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.
- (4) Fil-konkużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russia qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipi tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u qed iddghajje if-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar aktar miżuri restrittivi li ser jipponu konsegwenzi massivi u severi fuq ir-Russia għall-azzjonijiet tagħha, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-ħab u l-alteati tal-Unjoni.
- (5) Fil-25 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/329 (²), li emendat il-kriterji ta' deżinjazzjoni biex jiġu inklużi persuni u entitajiet li jappoġġaw lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u jibbenfikaw minnu, persuni u entitajiet li jipprovdū lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa sors sostanzjali ta' dħul, u persuni fizċi jew ġuridiċi assoċjati ma' persuni jew entitajiet elenkti.
- (6) Fil-konkużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Marzu 2022, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-gwerra tar-Russia ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u qed tikkawża telf massiv ta' ħajjet u korrimenti liċ-ċivili, u li l-Unjoni tibqa' lesta li tagħlaq il-lakuni u timmira lejn ċirkomvenzjoni attwali u possibbli tal-miżuri restrittivi digħi adottati, kif ukoll li timxi malajr b'aktar sanzjonijiet robusti kkoordinati fuq ir-Russia u l-Belarussja, biex b'mod effettiv ixxekkel il-kapaċitajiet Russi biex tkompli l-aggressjoni.
- (7) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li huwa xieraq li jipponi miżuri restrittivi fuq negozjanti ewlenin involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdū sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u fuq persuni li jappoġġaw jew li jibbenfikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u fuq persuni fizċi assoċjati ma' dawk il-persuni, inkluż membri tal-familja li jibbenfikaw indebitament minnhom.

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 50, 25.2.2022, p. 1).

- (8) Il-Kunsill iqis ukoll li l-Ministri u membri tal-“Kunsill tal-Poplu” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” u “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” jenħtieġ li jkunu suġġetti għal miżuri restrittivi .
- (9) Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li l-kumpanniji li jappoġġjaw, materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jew li jibbenefikaw minnu u li jappoġġaw materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jkunu wkoll soġġetti għall-miżuri restrittivi.
- (10) B'riżultat ta’ dan, jenħtieġ li jiżdiedu 216-il individwu u 18-il entità mal-lista ta’ persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (11) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tiġi introdotta deroga għall-iffriżar tal-assi u l-probizzjoni li l-fondi u r-iżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuni u entitajiet deżinjati għall-miżuri missjonijiet diplomatiċi.
- (12) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tiġi introdotta deroga għal ċerti operazzjonijiet applikabbi għal ċerti entitajiet elenkti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (13) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emmendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emmendata:

- (1) l-Artikolu 2 huwa emendant kif ġej:
- il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru tista’ tawtorizza r-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li tagħmel disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati:

 - huma meħtieġa biex jiġi sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkti fl-Anness u l-membri tal-familji dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteiki, mediċini u kura medika, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta’ servizzi pubbliċi;
 - huma maħsuba esklussivament għall-pagament ta’ onorarji professjonal raġonevoli u għar-rimborż ta’ spejjeż imġarrba li huma assoċjati mal-provvista ta’ servizzi legali;
 - huma maħsuba esklussivament għall-pagament ta’ tarifji jew imposti ta’ servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta’ fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
 - huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimaginej qabel l-awtorizzazzjoni; jew
 - għandhom jitpoġġew ġewwa, jew jinħarġu minn, kont li jappartjeni għal jew huwa miż-żmum minn missjoni diplomatika, jew konsulari, jew ta’ organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, dment li tali pagamenti huma maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċċiali tal-miż-żonni diplomatika, tal-pożizzjoni konsulari, jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.”;

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkti taħt l-entrati bin-numri 53, 54 u 55 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sal-24 ta' Awwissu 2022 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel it-23 ta' Frar 2022.;"

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"9. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkti taħt l-entrati bin-numri 79, 80, 81 u 82 taħt l-intestatura 'Entitajiet' fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sad-9 ta' Ottubru 2022 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel it-8 ta' April 2022.

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkti fl-Anness, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għall-bejgħ u t-trasferiment sad-9 ta' Ottubru 2022 tad-drittijiet proprijetarji f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni fejn dawk id-drittijiet proprijetarji jkunu direttament jew indirettament proprijetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness ; u

(b) ir-rikavat minn tali bejgħ u trasferiment jibqa' ffriżat.;"

(2) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
"894.	Alexey Yevgenievich FILATOV (Алексей Евгеньевич ФИЛАТОВ)	Data tat-twelid: 12.2.1983 Funzjoni: Kap tad-Direttorat għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa. Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Filatov huwa l-Kap tad-Direttorat għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa. Huwa uffiċjal għoli tal-Kremlin responsabbi mill-koordinazzjoni tal-politika aggressiva tal-Kremlin, inkluż attivitajiet ta' influenza malizzjuża, fil-konfront tal-Ukrajna u r-reġjuni okkupati ta' Donetsk u Luhansk. Bħala Kap tad-Direttorat għall-Kooperazzjoni Transkonfinali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa, Filatov huwa direttament involut fl-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politika mmexxija mill-Kremlin tas-separazzjoni tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk mill-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbi għall-appoġġ jew l-implementazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
895.	Igor Venediktovich MASLOV (Игорь Венедиктович МАСЛОВ)	Data tat-twelid: 18.10.1960 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Funzjoni: Uffiċjal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa mas-Servizz tal-Intelligence Barranija Russa (SVR) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Maslov ilu żmien twil uffiċjal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa bi sfond tas-Servizz tal-Intelligence Barranija Russa (SVR), responsabbi mill-politika u l-attivitajiet soversivi tal-Kremlin fil-konfront tal-hekk imsejħa "pajjiżi barranin fil-qrib" tar-Russia (territorji tal-ex Unjoni Sovjetika). Huwa magħruf li jaġhti pariri lill-President Vladimir Putin dwar l-Ukrajna, il-Moldova u l-Ossezja tan-Nofsinhar u huwa msemmi fost grupp ta' nies li jaġtu pariri lill-President Putin fir-rigward tal-Ukrajna. Bħala l-Kap tad-Direttorat għar-Rabtiet Interreġjonal u Kulturali ma' Pajjiżi Barranin tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Russa, Maslov feraħ lin-nies mill-Forzi tal-Operazzjonijiet Speċjali (SPO) tal-Ministeru għad-Difiża li qedew rwol ewljeni fl-annessjoni illegali tal-Periżola tal-Krimea. Għalhekk huwa responsabbi għall-appoġġ jew l-implementazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
896.	Viatcheslav Moshe KANTOR (Вячеслав Моше КАНТОР) (magħruf ukoll bħala Viatcheslav Vladimirovich KANTOR) (magħruf ukoll bħala Вячеслав Владими́рович КАНТОР)	Data tat-twelid: 8.9.1953 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Azzjonist kbir tal-Grupp Acron elenkat fil-Borża, wieħed mill-akbar produtturi tal-fertilizzanti fir-Russja	Viatcheslav Moshe Kantor huwa oligarka Russu li huwa azzjonist kbir tal-Grupp Acron elenkat fil-Borża, wieħed mill-akbar produtturi tal-fertilizzanti tar-Russia. Huwa għandu rabtiet mill-qrib mal-President Vladimir Putin. Din il-konnessjoni mal-president Russu għenitu jżomm il-għid konsiderevoli tiegħu. Huwa ddikjara b'mod miftuħ l-appoġġ tiegħu għall-President Putin u l-ħbiberija tiegħu miegħu f'diversi okkażjonijiet, u jgawdi relazzjonijiet tajbin mal-Kremlin.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
		Nazzjonalit�: Russa, I�zraeljana u Brittanika Sess: ra�gel	Għalhekk huwa qed jibbenefika wkoll minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet li huma responsabbi għall-annessjoni illegali tal-Peni�ola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa jew �had-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll wieħed min-negozjanti Russi ewlenin involuti fsetturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni illegali tal-Peni�ola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u �had-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
897.	Aleksei Viktorovich PIMANOV (Алексей Викторович ПИМАНОВ) (magħruf ukoll bħala Alexey Viktorovich PIMANOV; Alexei PIMANOV; Aleksey PIMANOV)	Data tat-tweli�d: 9.2.1962 Post tat-tweli�d: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni ta' Ġestjoni "Creative Association Red Star"; Kap tal-azjenda tal-media Krasnaya Zvezda, propert� tal-Ministeru għad-Difi�a Russu Nazzjonalit�: Russa Sess: ra�gel	Aleksei Pimanov huwa propagandista u l-Kap tal-azjenda tal-media Krasnaya Zvezda, propert� tal-Ministeru għad-Difi�a Russu. Il-Ministru għad-Difi�a, Sergey Shoygu personalment talab lil Pimanov biex isir il-Kap ta' Krasnaya Zvezda. L-azjenda tal-media għet stabbilita b'digriet tal-Ministru għad-Difi�a Russu u tikkontrolla l-istazzjon televi�i federali Zvezda. B'mod simili għall-istazzjonijiet tal-media l-oħra kollha kkontrollati mill-Kremlin, Zvezda regolarment ixerred diziinformazzjoni rigward l-aggressjoni militari mhux provokata kontra l-Ukrajna li qed issir mir-Russia, idgħajjef l-integrit� territorjali u s-sovranit� tal-Ukrajna, u jagħti appoġġ kruċjali tal-media lill-aggressjoni vjolenti tar-Russia. Bħala membru tal-kunsill tal-media tas-Soċjet� Ġeografika Russa, Pimanov għandu kuntatti mill-qrib ma' uffiċjali għolja tal-Kremlin bħal Alexey Gromov, Dmitry Peskov u Sergey Shoygu. Fl-2017, Pimanov idderieġa u pproduċa l-film ta' propaganda "Crimea", li jiġġustifika u jiġi l-annessjoni illegali tal-Peni�ola tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsabbi għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdqha l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
898.	Igor Yurievich KOROTCHENKO (Игорь Юрьевич КОРОТЧЕНКО)	Data tat-tweli�d: 15.02.1960 Post tat-tweli�d: Riga, Latvia Funzjoni: President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difi�a tal-Federazzjoni Russa; Kap Editur tar-rivista tad-Difi�a Nazzjonali; Direttur ta�-Ċentru għall-Analiżi tal-Kummerċ Dinji tal-Armi; Espert militari; Grad militari - Kurunell ta' Riżerva.	Igor Korotchenko, il-President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għad-Difi�a tal-Federazzjoni Russa, huwa kontributur regolari għall-programmi televi�i ewlenin ta' propaganda Russa bħala espert fil-qasam tad-difi�a u l-politika barranija. Igor Korotchenko huwa magħruf għad-dikjarazzjoni illegali aggressivi u derrogatorji tiegħu kontra l-integrit� territorjali tal-Ukrajna u jipprovoka konfrontazzjoni militari bejn il-Federazzjoni Russa u l-Punent, inkluż l-Ukrajna. Fuq il-pjattaformi tal-media soċjali tiegħu jew fil-programmi televi�i tiegħu huwa jappella biex l-Ukrajna tiġi "denazifikata" u demilitarizzata kif ukoll biex l-Ukrajna tingħaqad mar-Russia ("l-unjoni fraterna storika tagħha"), filwaqt li jiddikjara li l-Ukrajna hija parti mid-dinja Russa" kbira.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	F'artiklu ppubblikat fl-24 ta' Frar 2022, Igor Korotchenko qal li l-kompiitu tar-Russia fl-Ukrajna huwa li tiddemilitarizza lill-Ukrajna, filwaqt li jispjega li l-Ukrajna hija theddida kemm għall-popolazzjoni tagħha stess kif ukoll għall-Federazzjoni Russa, kif ukoll għaż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblast ta' Donetsk u ta' Luhansk tal-Ukrajna. L-għan tal-operazzjoni skont Igor Korotchenko huwa li ċċaħħad lill-forzi armati tal-Ukrajna mill-possibbiltà ta' kmand u kontroll ċentralizzat tat-truppi, tiddiż-żewġ n-network tal-mitjar militari Ukrein, u tqred il-pożizzjonijiet ta' difiża tal-aжу u l-missili operazzjonali tattiċi. Għalhekk huwa responsabbi għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
899.	Vladimir Nikolayevich SUNGORKIN (Владимир Николаевич СУНГОРКИН)	Data tat-tweliż: 16.06.1954 Post tat-tweliż: Khabarovsk, Russian Federation Funzjoni: Direttur Ĝeneralu u Kap Editur ta' Komsomolskaya Pravda. Membru tal-kunsilli pubbliċi fil-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, il-Ministeru għas-Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza tal-Federazzjoni Russa u l-Ministeru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa. Fil-Kunsill tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-Media tal-Massa, Sungorkin jittratta kwistjonijiet relatati mal-għoti ta' premji mill-gvern. Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Sungorkin huwa d-Direttur Ĝeneralu u l-Kap Editur ta' Komsomolskaya Pravda. Huwa wieħed mill-atturi ewlenin fl-aktivitajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin jew ta' propaganda li sikwit jitkellem dwar l-Ukrajna, joħloq miżinformazzjoni u jimmanipula l-fatti. Vladimir Sungorkin qed ixerred u jilleġittimizza l-propaganda aggressiva kontra l-Ukrajna u kontra l-Punent tar-reġim ta' Putin taħt l-awtorità diretta tal-Kremlin f-wieħed mill-aktar mezzi tal-media popolari tar-Russia. Il-gazzetta Komsomolskaya Pravda għiet deskritta wkoll mill-President Vladimir Putin bħala l-gazzetta favorita tiegħu. Għalhekk Vladimir Sungorkin huwa responsabbi għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
900.	Oleg Borisovich DOBRODEEV (Олег Борисович ДОБРОДЕЕВ)	Data tat-tweliż: 28.10.1959 Post tat-tweliż: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-All-Russian State Television and Radio Broadcasting Company (VGTRK)	Oleg Dobrodeev huwa d-Direttur Ġenerali tal-akbar azjenda tal-media statali fir-Russia. Huwa pparteċipa b'mod attiv fil-propaganda tal-Kremlin billi ħoloq u xerred informazzjoni manipulata fl-interessi tat-tmexxija politika tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Nazzjonalit�: Russa Sess: ra�el	Oleg Dobrodeev huwa l-inizjatur u l-kreatur ewleni tal-istazzjon televi�iv tal-Istat Rossiya-24 u s-sid tal-istazzjon televi�iv Russia -1. Dawn l-istazzjonijiet huma l-il�na ewlenin tal-propaganda tal-Istat, li jwettqu b'mod effettiv il-kompli tat-tish�i� tar-reġim ta' Putin u jipprovdu propaganda għall-politiki domesti�i u barranin aggressivi tieġ�u, fosthom l-operazzjonijiet militari fl-Ukrajna. Dawn l-istazzjonijiet jiddiskutu l-�ejjeni ta' Ukraina ma�suma u r-“repubbliki ��ħa�agħ”, il-fallimenti tar-riformi tal-presidenti Ukre�i, u kwalunkwe azzjoni tal-awtoritajiet Ukre�i tiġi ridikolata jew ikkundannata. Oleg Dobrodeev jieħu sehem f�laqgħat tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa, fejn il-mexxejja tal-media ewlenija tal-Istat jing�hataw struzzonijiet. Għalhekk huwa responsab�li għall-appo�g� jew l-implementazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
901.	Farkhad AKHMEDOV	Data tat-tweli�: 15.09.1955 Post tat-tweli�: Baku, Azerbaijan Funzjoni: Negozjant involut fis-settur tal-energi� u fil-politika lokali Russa; fundatur ta' Tansley Trading Nazzjonalit�: Russa Sess: ra�el	Farkhad Akhmedov hu negozjant Russu involut fis-settur tal-energi� u fil-politika lokali Russa. Huwa waqqaf Tansley Trading, li forniet tag�mir lill-produtturi tal-gass Russi u saret azzjonista minoritarja f'Nortgas, kumpannija ta�-żejt u tal-gass fis-Siberja, kif ukoll President ta' Bechtel Energy. Huwa qrib tal-Kremlin u huwa negozjant ewleni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' d�hl lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022
902.	Pavel Nikolayevitch GUSEV (Павел Николаевич ГУСЕВ)	Data tat-tweli�: 4.4.1949 Post tat-tweli�: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Propagandista, editur u sid ta' “Moskovskiy Komsomolets” Nazzjonalit�: Russa Sess: ra�el	Pavel Nikolayevitch Gusev huwa l-kap tat-tabloid ewleni Russu “Moskovskiy Komsomolets”, li jappo�g�a n-narrattiva u l-azzjonijiet tal-Kremlin li jdgħajfu jew jheddu l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa g�andu rabtiet mill-qrib mal-Ministeru g�ad-Difi�a Russu u huwa persuna ta' fiduci� u sostenitur tal-President Vladimir Putin. Huwa r�cieva diversi midalji onorarji u appo�g� uffiċjali fl-elezzjonijiet tal-2018, li jikkonferma li huwa sostenitur attiv tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa responsab�li għall-appo�g� jew l-implementazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
903.	Elena Petrovna TIMCHENKO (imwielda ERMAKOVA (YERMAKOVA)) (Елена Петровна ТИМЧЕНКО (ЕРМАКОВА))	Funzjoni: Kopresident tal-Fondazzjoni Timchenko Nazzjonalit�: Russa, Finlandi� Individwu assoċjat: Gennady Timchenko (ir-ra�el) Sess: Mara	Elena Timchenko hija mart il-biljunarju Gennady Timchenko, elenkat ta�t id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Hija tipparteċi� fl-affarijiet pubbliċi tiegħu permezz tal-Fondazzjoni Timchenko. Għalhekk hi qed tibbenfika minn Gennady Timchenko li huwa responsabbli għall-appo�ġġ ta� azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukrajna u għall-għoti ta� appo�ġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenfika minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet mir-Russja responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
904.	Maria Vladimirovna VORONTSOVA (imwielda PUTINA) (magħrufa wkoll bħala Mariya VORONTSOVA; Maria FAASSEN) (Мария Владимировна ВОРОНЦОВА)	Data tat-tweli�: 28.04.1985 Funzjoni: Koproprjetarja ta� 20 % tal-kumpannija Nomenko involuta fl-akbar proġett ta� investiment privat tar-Russia fil-kura tas-saħħa bi spi�a stmata ta� 40 biljun rublu Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin (missier) Nazzjonalit�: Russa Sess: mara	Maria Vladimirovna Vorontsova hija l-ewwel tifla tal-President Vladimir Putin, elenkat ta�t id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Hija koproprjetarja tal-kumpannija Nomenko involuta fl-akbar proġett ta� investiment privat tar-Russia fil-kura tas-saħħa bi spi�a stmata ta� 40 biljun rublu. Qed tibbenfika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u hi involuta f-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta� dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	8.4.2022
905.	Anton Valerevich KUPRIN (Куприн Антон ВАЛЕРЬЕВИЧ)	Funzjoni: Kapitan tal-frejgata "Admiral Essen" tal-flotta Russa tal-Ba�ar l-Iswed Sess: ra�el	Anton Valerevich Kuprin huwa l-Kapitan tal-frejgata "Admiral Essen" tal-flotta Russa tal-Ba�ar l-Iswed. Il-frejgata "Admiral Essen" qed tikkontribwixxi għall-isforzi ta� gwerra tar-Russia fil-Ba�ar l-Iswed. Anton Valerevich Kuprin huwa għaldaqstant responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
906.	Olga AYZIMAN (Ольга АЙЗИМАН)	Data tat-tweli�: 26.10.1967 Post tat-tweli�: Irkutsk, Russian Federation Individwu assoċjat: Mikhail Fridman (ex-mara) Nazzjonalit�: Russa Sess: mara	Olga Ayziman hija l-ex mara ta� Mikhail Fridman, fundatur u wieħed mill-azzjonisti ewlenin tal-Grupp Alfa, li jinkludi l-bank ewleni Russu Alfa Bank, meqjus bħala finanzjatur ewleni Russu u faċilitatur ta�-ċirku intern tal-President Vladimir Putin. Mikhail Fridman huwa l-isponsor ewleni tal-attivitajiet u l-ħtiġijiet tal-ex mara tiegħu minn meta marret tgħix Pariġi. Hija persuna fiżika assoċjata ma\' Mikhail Fridman, li appo�gġa b'mod attiv materjalment jew finanzjarjament u bbenefika minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Russi responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Mikhail Fridman appo�gġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrit� territorjali, is-sovranit� u l-indipendenza tal-Ukraina..	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
907.	Mikhail Alexandrovich BABAKOV (Михаил Александрович Бабаков)	Data tat-tweliż: 07.02.1994 Individwu assoċjat: Aleksandr Babakov (missier), Viċi President tad-Duma tal-Istat Sess: raġel	Mikhail Alexandrovitch Babakov huwa iben Aleksandr Babakov, Viċi President tad-Duma tal-Istat, skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Mikhail Alexandrovitch Babakov għandu assi kbar b'rabta ma' missieru. Huwa s-sid u l-manager ta' kumpannija tal-proprietà immobbl fi Franzia, li permezz tagħha huwa jamministra proprijetajiet differenti, inkluż dar ta' EUR 11-il miljun qrib Versailles. Barra minn hekk, huwa jaqsam l-istess indirizz ma' missieru. Mikhail Alexandrovitch Babakov huwa għalhekk assoċjat ma' Aleksandr Babakov u jibbenfika minn dak li jieħu d-deċiżjonijiet Russu responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna .	8.4.2022
908.	Kirill Nikolayevich SHAMALOV (Кирилл Николаевич ШАМАЛОВ)	Data tat-tweliż: 22.03.1982 Post tat-tweliż: St. Petersburg, Russian Federation Funzjoni: Viċi President tal-Bord ta' Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Nikolayevich Shamalov huwa Viċi President tal-Bord ta' Tmexxija ta' Sibur Holding PJSC, l-akbar kumpannija ta' petrokimiċi integrata fir-Russja. Huwa għalhekk negozjant ewljeni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
909.	Igor Albertovich KESAEV (Игорь Альбертович КЕСАЕВ)	Data tat-tweliż: 30.10.1966 Post tat-tweliż: Vladikavkaz, North Ossetia, Russian Federation Funzjoni: Sid u President ta' Mercury Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Albertovich Kesaev huwa s-sid u l-President ta' Mercury Group, li huwa s-sid ta' Megapolis Group, id-distributur ewljeni tat-tabakk fir-Russja. Huwa għandu rabtiet mal-Ġvern tal-Federazzjoni Russa u l-forzi tas-sigurtà tagħha permezz ta' Monolit Fund, immexxi minn ex uffiċjali tas-servizzi tas-sigurtà Russi, li jipprovd assistenza finanzjarja lil uffiċjali tas-servizzi tas-sigurtà u persunal militari rtirati. Barra minn hekk, huwa l-azzjonist ewljeni tal-Impjant ta' Degtyarev, kumpannija Russa li tipprodu armi użati mill-forzi armati Russi. Huwa negozjant ewljeni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u jibbenfika minnu.	8.4.2022
910.	Alexander Nikolaevich Petaykin (Александр Николаевич ПЕТАЙКИН)	Data tat-tweliż: 24.05.1987 Post tat-tweliż: Orenburg, Orenburg Oblast, Russian Federation	Alexander Nikolaevich Petaykin huwa s-sid u d-direttur ġenerali tad-ditti tal-kostruzzjoni tat-toroq "OOO Vector" u "Trans Stroy", involuti fl-implementazzjoni ta' proġetti pubbliċi għall-gvernijiet regionali ta' Orenburg u Bashkortostan.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
		<p>Funzjoni: Sid u direttur ġeneralji tad-ditti tal-kostruzzjoni tat-toroq "OOO Vector" u "Trans Stroy"</p> <p>Nazzjonaliṭà: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	Għaldaqstant huwa persuna fiżika li qed tibbenfika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
911.	Aleksandr Aleksandrovich SHULGIN	<p>Data tat-tweliż: 25.08.1984</p> <p>Post tat-tweliż: Irkutsk, Russian Federation</p> <p>Funzjoni: Ufficijal Kap Eżekuttiv u Direttur ta' Ozon Holdings Plc</p> <p>Nazzjonaliṭà: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	Aleksandr Aleksandrovich Shulgin huwa negozjant ewleni u Ufficijal Kap Eżekuttiv ta' Ozon, il-pjattaforma ewlenija ta' kummerċ elettroniku f'diversi kategoriji tar-Russja. Fl-24 ta' Frar 2022, huwa attenda laqgħa tal-oligarki fil-Kremlin mal-President Vladimir Putin biex jiddiskutu l-impatt tal-kors ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi dik il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku ta' ġewwa ta' oligarki qrib il-President Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
912.	<p>Ekaterina Vladimirovna TIKHONOVA (imwielda Yekaterina Vladimirovna PUTINA) (magħrufa wkoll bħala Yekaterina, Katerina) (Катерина (Екатерина) Владимировна ТИХОНОВА)</p>	<p>Data tat-tweliż: 31.8.1986</p> <p>Post tat-tweliż: Dreden, Ġermanja</p> <p>Funzjoni: Kap tal-inizjattiva ta' żvilupp Innopraktika.</p> <p>Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin (missier)</p> <p>Nazzjonaliṭà: Russa</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Ekaterina Vladimirovna Tikhonova hija bint il-President Vladimir Putin. Hija l-Kap tal-istitut il-ġdid tal-intelliġenza artifiċjali fl-Università Statali ta' Moska, iffianżjat minn fondi tal-istat. Bħalissa hija tmexxi l-inizjattiva ta' żvilupp Innopraktika, iffianżjata minn kumpanniji Russi ewlenin li d-diretturi tagħhom huma membri taċ-ċirku intern ta' oligarki qrib il-President Putin.</p> <p>Għaldaqstant hija qed tibbenfika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u hi assoċjata ma' persuni ewleni involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, hi assoċjata ma' missierha, li huwa responsabbi għal azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.</p>	8.4.2022
913.	Evgeny Borisovich ZUBITSKIY (Евгений Борисович ЗУБИЦКИЙ)	<p>Data tat-tweliż: 10.03.1968</p> <p>Post tat-tweliż: Kemerovo, Russian Federation</p>	Evgenny Borisovich Zubitskiy huwa l-kopoprjetarju, il-President tal-Bord u l-Ufficijal Kap Eżekuttiv ta' Industrial Metallurgical Holding (PMH). Huwa azzjonist ta' Koks Group, l-intrapriża prinċipali ta' PMH u l-akbar produttur Russu ta' kokk kummerċjabbi, imwaqqaf mid-deputat tad-Duma tal-Istat Boris Zubitsky.	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
		<p>Funzjoni: Intraprenditur, koproprijetarju u President tal-Bord u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Industrial Metallurgical Holding (PMH)</p> <p>Nazzjonaliità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	Huwa għalhekk negozjant ewljeni, involut f'setturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	
914.	Sergey Vladimirovich MIKHAILOV (magħruf ukoll bħal Sergey MIKHAILOV) (Сергей МИХАЙЛОВ)	<p>Data tat-tweli: 17.03.1971</p> <p>Post tat-tweli: Arkhangelsk, Russian Federation</p> <p>Funzjoni: Direttur Ġeneral tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet TASS – l-akbar aġenċija tal-aħbarijiet Russa, li xixerred permezz tan-network enormi tagħha ta' rappreżtantanzi barranin (70 uffiċċju fil-Komunità ta' Stati Indipendenti u 68 uffiċċju madwar id-dinja) informazzjoni manipulata dwar l-Ukrajna, u b'hekk taqdi l-interessi tat-tmexxija politika tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Il-President Vladimir Putin tah l-Ordni tal-Hibberija. Sergey Mikhailov huwa inkluż fir-riżerva ta' persunal tal-President tar-Russja.</p> <p>Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbilità u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>		8.4.2022
915.	Alexander Alexandrovich MALKEVICH (Александр Александрович МАЛЬКЕВИЧ)	<p>Data tat-tweli: 14.07.1975</p> <p>Post tat-tweli: St. Petersburg, Russian Federation</p> <p>Funzjoni: L-ewwel Viċi President tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa għall-Iżvilupp tal-Komunità tal-Informazzjoni, il-Media u l-Komunikazzjoni tal-Massa; Direttur Ġenerali tal-istazzjon televiżiv ta' San Pietrburgu minn Jannar 2021</p> <p>Numru tal-passaport/karta tal-identità: Passaport 717637093, Karta tal-Identità Nazzjonali Nru 781005202108</p> <p>Nazzjonaliità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Alexander Malkevich huwa propagandista Russu, Direttur Ġenerali tal-istazzjon televiżiv ta' San Pietrburgu, u l-Ewwel Viċi President tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa għall-Iżvilupp tal-Komunità tal-Informazzjoni, il-Media u l-Komunikazzjoni tal-Massa.</p> <p>Fil-25 ta' Frar 2022, Malkevich iddikjara li l-aggressjoni militari li għaddejja kontra l-Ukrajna hija “operazzjoni speċjali” biex tiddenzifikha l-Ukrajna u li ma hemm l-ebda għan li jinħataf il-pajjiż. Fis-16 ta' Marzu 2022, Malkevich attenda l-laqgħa tal-Kamra Pubblika tal-Federazzjoni Russa dwar l-“Eskalazzjoni tal-gwerra tal-informazzjoni: id-difiża tal-interess tar-Russja”, fejn ġie diskuss kemm hu importanti li tiwassal informazzjoni veritiera sabiex in-nies ikunu jistgħu jifhem għaliex ittieħdet id-deċiżjoni biex titwettaq “operazzjoni speċjali” fl-Ukrajna u x'inhu l-iskop tagħha.</p> <p>Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbilità u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
916.	Soadat Narzieva (Соадат НАРЗИЕВА)	Post tat-twelid: Uzbekistan Individwu assoċjat: Alisher Usmanov (ħuha) Nazzjonalit�: Russa Sess: mara	Soadat Narzieva hija oħt Alisher Usmanov, oligarka proKremlin, li għandha rabtiet mill-qrib mal-President Russu Vladimir Putin u huwa elenkat skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Alisher Usmanov ittrasferixxa assi konsiderevoli lil oħtu Soadat Narzieva, inkluż pagament uniku jew rigal ta' USD 3 miljuni. Hija kellha wkoll 27 kont bankarju Ċvizzera, li kellhom mijiet ta' miljun dollaru, li jistgħu jkunu marbuta ma' ħuha Alisher Usmanov. Hija kienet marbuta wkoll ma' sitt kumpaniji offshore li l-aktivitajiet tagħihom jistgħu jkunu marbuta ma' Usmanov. Soadat Narzieva hija għalhekk assoċjata ma' Alisher Usmanov, li appoġġa materjalment jew finanzjarjament b'mod attiv lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Russi responsabli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna u appoġġa b'mod attiv il-politiki tal-gvern Russu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukrajna	8.4.2022
917.	Musa Yusupovich Bazhaev (Муса Юсупович БАЗАЕВ)	Data tat-twelid: 11.05.1966 Post tat-twelid: Achkoy Martan, Chechnya Funzjoni: Negozjant Russu; president attwali ta' Moscow Alliance group li huwa s-sid ta' assi fin-negozji taż-żejt, tal-kostruzzjoni, tat-tessuti, tal-ikel, finanzjarji u tal-media; President ta' Russian Platinum. Nazzjonalit�: Russa Sess: raġel	Musa Bazhaev huwa l-President ta' Alliance Group, li fost il-klijenti ewlenin tiegħu għandu l-akbar rappreżentanti tal-industriji tal-gass u taż-żejt, il-faċilitajiet industrijali, is-settur tat-telekomunikazzjoni u d-djar u l-utilitajiet pubbliċi. Huwa wkoll il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Platinum, identifikata bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-minjieri tar-Russia li tiprovd sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-2021, VEB.RF, VTB Group u Russian Platinum iffirmaw memorandum ta' intenzjoni biex jiffinanzjaw id-depożitu ta' Chernogorsk tal-minerali tal-platinu, tar-ram u tan-nikil fir-Reġjun ta' Krasnoyarsk. Iċ-ċeremonja tal-iffirmar saret matul il-Forum Ekonomiku Internazzjonali ta' San Pietrburgu fil-preżenza tal-President Putin. Musa Bazhaev negozjant ewljeni Russu, li jagħmel parti mill-200 Russu l-aktar sinjuri, involut f'settur ekonomiku li jipprovd sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, Musa Bazhaev huwa assoċjat ma' VEB.RF, istituzzjoni Russa għall-iżvilupp finanzjarju li tappoġġa b'mod attiv, materjalment jew finanzjarjament, jew jibbenfika mill-persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet li huma responsabli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	8.4.2022
918.	Grigory Viktorovitsj BEREZKIN (Григорий Викторович БЕРЕЗКИН)	Data tat-twelid: 9.08.1966 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: President tal-Bord tad-Diretturi, ESN Group Nazzjonalit�: Russa Sess: raġel	Grigory Berezhkin huwa negozjant ewljeni Russu u meqjus bħala "henchman" tal-President Vladimir Putin. Huwa l-President tal-Bord tad-Diretturi ta' ESN Group, grupp Russu ta' ekwita privata b'portafoll ta' investimenti f'diversi industrij, inklużi s-setturi tal-media, tal-enerġija, tal-infrastruttura, tal-IT, tar-riżorsi naturali u tal-petrokimiku. ESN Group jirrappreżenta wieħed mill-akbar kumpaniji holding tar-Russia. Fl-2019, Saudi Basic Industries Corporation (SABIC), ir-Russian Direct Investment Fund (RDIF) u l-ESN Group iffirmaw ftehim biex jinvestu fi proġett biex ifasslu, jibnu u joperaw impjant	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
			<p>tal-metanol fir-Reġjun ta' Amur, fil-Lvant Imbiegħed tar-Russja. Fl-2021, VEB.RF, VTB, ESN Group, il-Ministeru għall-İzvilupp tal-Lvant Imbiegħed Russu, Marubeni Corporation u Mitsui O.S.K. iffirmaw memorandum ta' qbil matul il-Forum Ekonomiku tal-Lvant, bil-għan li jiġi żviluppat proġett għall-kostruzzjoni ta' bastimenti li jaħdmu bil-metanol minn kostrutturi Russi tal-vapuri. Il-President Putin attenda għaċ-ċeremonja.</p> <p>Bħala President tal-Bord tad-Diretturi ta' ESN Group, Grigory Berezhkin huwa negozjant ewljeni, involut fsetturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanziali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hu qed jappoġġa materjalment u finanzjarjament, u qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	
919.	Serguey Ashotovich Mndoiants (Сергей Ашотович МНДОЯНЦ)	<p>Data tat-tweliż: 21.09.1961</p> <p>Post tat-tweliż: Moscow, Russian Federation</p> <p>Funzjoni: Negozjant Russu li jservi bħala Viċi President tal-konglomerat AFK Sistema; Fundatur tad-ditta ta' konsulenza VLM Invest.</p> <p>Nazzjonaliità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Serguey Mndoiants huwa Viċi President Eżekuttiv inkarġat mir-relazzjonijiet tal-gvern għall-kumpanija tal-konglomerat Russu AFK Sistema PAO, attiva fis-settur tat-telekomunikazzjoni u tal-IT. Serguey Mndoiants huwa wkoll Viċi President ta' kariga għolja ta' VLM Invest, ditta ta' konsulenza li taqgħidha bħala intermedjarju bejn kumpaniji privati u korpi tal-gvern tal-Federazzjoni Russa. Serguey Mndoiants huwa wkoll membru tal-bord tal-Kunsill għall-Politika Estera u ta' Difiża (Council for foreign and defence policy - SVOP), grupp ta' riflessjoni li jaġhti pariri lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar it-tmexxija tal-politika barranja u ta' difiża.</p> <p>Huwa għalhekk negozjant ewljeni involut fsetturi ekonomiċi li jipprovd u sors sostanziali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna</p>	8.4.2022
920.	Boris Romanovich ROTENBERG (Борис Романович РОТЕНБЕРГ)	<p>Data tat-tweliż: 3.1.1957</p> <p>Post tat-tweliż: St.Petersburg, Russian Federation</p> <p>Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (ħuh), Igor Rotenberg (neputi)</p> <p>Entitajiet assoċjati: SGM (Stroygazmontazh), SMP Bank, Gazprom Drillings</p>	<p>Boris Rotenberg huwa negozjant biljunarju Russu, u ħu Arkady Rotenberg, negozjant biljunarju Russu, azzjonist tal-kumpanija tal-istat Gazprom Drilling u koproprietarju ta' SGM (Stroygazmontazh) group. Ir-Rotenbergs huma assoċjati mill-qrib mal-President Vladimir Putin. Boris Rotenberg membru tal-Bord tad-Diretturi ta' SMP Bank u wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Gazprom Drillings li rċieva kuntratti statali kbar bis-saħħa tar-rabtiet mill-qrib tiegħi mal-President Putin. Għaldaqstant, Boris Rotenberg qed jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huma t-tnejn responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa</p>	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENkar
		Nazzjonalità: Russu, Finlandiż Sess: raġel	persuna fiziċka assoċjata ma' Arkady Rotenberg u l-President Putin, it-tnejn li huma elenkti taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
921.	Igor Arkadyevich ROTENBERG (Игорь Аркадьевич РОТЕНБЕРГ)	Data tat-tweliż: 9.5.1973 Post tat-tweliż: St.Petersburg, Russian Federation Individwi assoċjati: Arkady Rotenberg (missier), Boris Rotenberg (ziju) Entitajiet assoċjati: SGM (Stroygazmontazh) group, Gazprom Drilling, NPV Engineering Group Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Rotenberg huwa negozjant biljunarju Russu, u t-tifel il-kbir u l-eredi ta' Arkady Rotenberg, negozjant biljunarju Russu u koproprietarju ta' SGM (Stroygazmontazh) group. Huwa l-azzjonist maġġoritarju ta' Gazprom Drilling. Ir-Rotenbergs huma assoċjati mill-qrib mal-President Putin. Minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu f'intrapriżi Russi ewlenin, inkluż SGM, Gazprom Drillings u Mostotrest, li rċevew kuntratti statali kbar, u r-rabtiet mill-qrib tiegħu mal-President Putin, Igor Rotenberg qed jibbenfika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet u mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huma t-tnejn responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa persuna fiziċka assoċjata ma' Arkady Rotenberg u l-President Putin, it-tnejn li huma elenkti taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
922.	Ekaterina IGNATOVA (magħrufa wkoll bħala Jekatarina IGNATOVA)	Data tat-tweliż: 1968 Post tat-tweliż: Moscow, Russian Federation Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (żewġha) Anastasia Ignatova (bintha) Lyudmila Rukavishikova (ommha) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Ekaterina Ignatova hija l-mara ta' Sergei Chemezov, li huwa s-CEO ta' Russian state corporation Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Assistenza għall-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali ta' Teknoloġija Avvanzata). Bħala l-mara ta' Sergei Chemezov, Ekaterina Ignatova għandha assi kbar assoċjati miegħu. Fl-aħħar dikjarazzjoni tal-assi pubblika ta' Sergei Chemezov fl-2019, ġie inkluż id-dħul annwali ta' \$24 miljun ta' Ekaterina Ignatova. Ekaterina Ignatova hija assoċjata ma' persuna fiziċka (żewġha) elenkata taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	8.4.2022
923.	Anastasia Ignatova (Анастасия ИГНАТОВА)	Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (ir-raġel tal-omm bi żwieġ ieħor) Ekaterina Ignatova (ommha)	Anastasia Ignatova hija bint il-mara ta' Sergei Chemezov, li huwa s-CEO ta' Russian state corporation Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp, il-Manifattura u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali Russi b'Teknoloġija Avvanzata - State Corporation for Promoting Development, Manufacturing and Export of Russian Technologies High-Tech Industrial Products).	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
		<p>Lyudmila Rukavishikova (nannitha) Nazzjonalit�: Russa Sess: mara</p>	<p>Bħala bint il-mara ta' Sergei Chemezov, hi għandha assi kbar assoċjati miegħu permezz ta' kumpanji offshore. Anastasia Ignatova tippossgħedi formalment il-yacht ta' 85 metru bl-isem "Valerie" b'valor ta' USD 140 miljun (aktar minn 10 biljun rublu) permezz ta' kumpanija tal-Gżejjer Verġni Brittaniċi bl-isem Delima Services Limited. Barra minn hekk, hija l-benefiċċjarju ta' kumpaniji offshore b'mijiet ta' miljuni ta' dollari fassi.</p> <p>Anastasia Ignatova hija assoċjata ma' persuna fiżika (ir-raġel ta' ommha bi żwieġ ieħor) elenkata taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	
924.	Lyudmila RUKAVISHIKOVA	<p>Individwi assoċjati: Sergei Chemezov (iben tar-rispett) Ekaterina Ignatova (bintha) Anastasia Ignatova (bint l-ulied) Nazzjonalit�: Russa Sess: mara</p>	<p>Lyudmila Rukavishikova hija l-omm tar-rispett ta' Sergei Chemezov, li huwa s-CEO ta' Russian state corporation Rostec (Korporazzjoni tal-Istat għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp, il-Manifattura u l-Esportazzjoni ta' Prodotti Industrijali Russi b'Teknoloġija Avvanzata - State Corporation for Promoting Development, Manufacturing and Export of Russian Technologies High-Tech Industrial Products). Bħala omm tar-rispett ta' Sergei Chemezov, hija għandha assi kbar b'rabta miegħu, inkluż ishma ta' kumpaniji li huma sidien ta' proprijetajiet użati minn Rostec.</p> <p>Lyudmila Rukavishikova hija assoċjata ma' persuna fiżika (binha tar-rispett) elenkata taħt miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna .</p>	8.4.2022
925.	Yuri Borisovich SLYUSAR (Юрий Борисович СЛЮСАРЬ)	<p>Data tat-tweliż: 20.7.1974 Post tat-tweliż: Rostov-on-Don, Russian Federation Funzjoni: President United Aircraft Corporation (UAC); precedentemente Deputy Minister of Industry and Trade of the Russian Federation Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin Entità assoċjata: United Aircraft Corporation Nazzjonalit�: Russa Sess: raġel</p>	<p>Yuri Slyusar huwa l-President ta' United Aircraft Corporation (UAC) u Eks Viċi Ministro għall-Industrija u l-Kummerċ. UAC hija kumpanija Russa ajruspazjali u ta' kooperazzjoni fid-difiża fi ħdan Rostec, li oriġinarjament twaqqfet mill-President Putin. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President ta' UAC, Yuri Slyusar huwa wieħed mill-atturi ewlenin fl-industrija Russa u fis-settur tad-difiża b'rabit mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Yuri Slyusar huwa negozjant ewljeni involut f'setturi ekonomiċi tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u li appoġġa u bbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.</p>	8.4.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
926.	Said KERIMOV	<p>Data tat-tweliD: 6.7.1995 Post tat-tweliD: Moscow, Russian Federation</p> <p>Funzjoni: Eredi ta' Suleiman Kerimov, Membru tal-Kumitat tal-Istrateġija u Bord ta' Direttur ta' Polyus</p> <p>Individwu assoċjat: Suleiman Kerimow (missier)</p> <p>Entità assoċjata: Polyus</p> <p>NazzjonalitÀ: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Said Kerimov huwa bin Suleiman Kerimov. Suleiman Kerimov huwa biljunarju bbażat fir-Russia, fundatur ta' Suleiman Kerimov Foundation u rappreżentant tar-Repubblika tad-Dagestan fil-Kunsill Federali tar-Russia. Suleiman Kerimov ittrasferixxa parti kbira mill-assi tiegħu, inkluż l-ishma tiegħu fl-akbar produttur tadd-deheb Russu, Polyus Gold, lil ibnu, Said Kerimov.</p> <p>Said Kerimov huwa assoċjat ma' negozjant ewljeni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovd sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Suleiman Kerimov huwa responsabbi wkoll għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.</p>	8.4.2022
927.	Vladimir Leonidovich BOGDANOV (Владимир Леонидович БОГДАНОВ)	<p>Data tat-tweliD: 28.05.1951</p> <p>Funzjoni: Director-General Surgutneftegas</p> <p>Individwu assoċjat: Il-President Vladimir Putin</p> <p>Entità assoċjata: Surgutneftegas</p> <p>NazzjonalitÀ: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Vladimir Bogdanov huwa Direttur Ġenerali tal-kumpanija taż-żejt u l-gass Surgutneftegas, il-ħames l-akbar kumpanija privata u t-tielet l-akbar kumpanija taż-żejt fir-Russia b'sehem ta' aktar minn 10 % tal-produzzjoni globali taż-żejt tar-Russia, u b'hekk jipprovd sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Sussidjarja ta' Surgutneftegas, Surgutneftegasbank CJSC, ipprovdiet self lill-gvern tar-reġjun ta' Tyumen fl-2021 li ammonta għal 1.6 biljun rublu biex jiffinanzja d-defiċit tiegħu. Vladimir Bogdanov għandu rabt mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-President Vladimir Putin. Vladimir Bogdanov huwa għalhekk negozjant ewljeni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovd sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbi għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.</p>	8.4.2022
